



Brussell, 5 ta' Mejju 2022
(OR. en)

7908/22

LIMITE

WTO 58
AGRI 137
UD 76
UK 64

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0098(NLE)
2022/0097(NLE)

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	7905/22 + ADD 1, 7906/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea - Adozzjoni u Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fl-4 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:

- a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (dok. 7905/22 + ADD 1); u

- b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (dok. 7906/22 + ADD 1).
2. Fid-29 ta' April 2022, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) eżamina u approva ż-żewġ proposti, inkluż xi modifiki neċessarji.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim imsemmi, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 7909/22 u 7911/22;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
 - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokumenti 7910/22 u 7911/22, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu; u
 - jieħu nota tad-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum għal din in-nota.